NEWSPAPER POST


# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Jannar - Frar 1988 Nru. 40


***Il-Messaġġ ta' l-Arċipriet***

## MA NKUNUX INSARA TA' NOFS KEDDA

*Il-Milied ġie u mar, u ħalla warajh memorji tassew sbieħ. Il-kampanja ta' ġbir li saret f'dawn il-jiem ħalliet mistagħġeb lil kulħadd. Il-ġenerożità tal-Maltin u l-Għawdxin dehret fil-kobor kollu tagħha.*

*Dan lilna jimliena bil-ferħ: meta wieħed jara kemm qlub ġenerużi għandu pajjiżna, u kif lesti dejjem li jgħinu lil min hu fil-bżonn. Iżda ma nistgħux nieqfu hawn.*

*Waqt li kont qed naħseb fuq dan il-fatt, ftakart fi storja li qrajt ftit ilu ta' dak ir-raġel għani, iżda fl-istess ħin xħiħ, li kien joqgħod jiftaħar ma' sħabu li hu fil-Milied iqassam b'għaxar liri ħobż lill-fqar. Wieħed minn sħabu kien dlonk wieġbu "isma" tagħmel sew li tqassam dawk l-għaxar liri ħobż lill-fqar, iżda il-fqar iridu jieklu s-sena kollha".*

*Ara ma rridkomx taħsbu li qed nippretendi li ta' kulljum jinġabru dawk l-eluf kollha, jew inkella li nagħmlu ħażin jekk nagħtu xi ħaġa milli l-Bambin ipproudielna. Anzi, j'alla l-qlub ġenerużi ma jieqfu qatt li jagħtu.*

*Iżda jeħtieġ li nieħdu tagħlima wkoll: issib nies li għax forsi jagħmlu xi ħaġa tajba, bħal per eżempju li wieħed jitqarben kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar, għax waħda ma tmurx torqod qabel tgħid ma nafx kemm il-kurunella, jew inkella għax wieħed jagħti tlett ċenteżmi fil-Knisja, jew l-oħra għax tixgħel ix-xemgħat, dawn tarahom iserrħu rashom li qed jagħmlu kull ma hu meħtieġ biex jogħġbu 'l Alla.*

*Issa għandna noqogħdu attenti li lil Alla nogħġbuh f'kollox u f'kull ħaġa; mhux meta jidhrilna aħna biss jew f'dak li jfettlilna. Li nagħmlu tqarbina darba fix-xahar u imbagħad matul il-bqija tax-xahar naqilbu id-dinja ta' taħt fuq, ma jfisser xejn. Li nagħtu xi ħaġa tal-flus lil ħutna l-fqar u mbagħad lil ħutna l-oħra, ngħidu fuqhom, intertquhom b'ilsienna, jekk mhux ukoll nobogħduhom, hi reliġjon taparsi.*

*Tinsewx: lil Alla nħobbuħ kif iridha Hu u mhux kif jaqbel lilna.*

## Il-Festa ta' SAN ĠORĠ fl-Awstralja

Il-Festa ta' San Ġorġ f'St.Albans, Victoria, ġo l-Awstralja ser tiġi ċelebrata fl-4, 5, 6, ta' Marzu li ġej. Din il-festa qed tiġi organizzata fil-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù mill-Għaqda "THE GEORGIANS".

Fl-okkazzjoni tal-festa ta' San Ġorġ din is-sena ser jieħu sehem l-Isqof ta' Melbourne Rev. Fr. Peter Connors u ser jinseġ il-paniġierku Fr. Emanuel Bonello, saċerdot mix-Xagħra, Għawdex. F'din l-okkażżjoni ser jindaqq l-innu ta' Sunny Galea.

Fil-festi ta' barra li jibdew nhar l-Erbgħa 2 ta' Marzu li ġej ser jieħdu sehem diversi baned fosthom il-Maltese Own Band, Malta & Gozo City Band, St.Albans Melita Band u Baned oħra minn Sydney. Din is-sena ser jiżżanżnu sett ta' pavaljuni u armar ieħor.

Għal din il-festa jattendu dejjem folol kbar u aħna nawguraw lil "THE GEORGIANS" suċċess għal festa li ser jorganizzaw. F'dawk il-ġranet tal-festa aħna żgur ser inkunu magħqudin magħhom fil-ħsieb u l-imħabba li għandna lejn il-patrun tagħna SAN ĠORĠ MARTRI.



*L-Istatwa ta' San Ġorġ ġewwa St. Albans waqt il-purċissjoni fil-festa tas-sena l-oħra.*

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

**Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali**

**14.11.87:**
CHARLENE, bint Joseph Vella u Josephine neè Pisani
**15.11.87**
ANDRÈ iben Dr. John Xuereb Curmi u Lina neè Scerri
**15.11.87:**
CHARMAIN, bint Mario Cassar u M'Concetta neè Attard
**22.11.87:**
GERALD, iben Joseph Agius u Maria Dolores neè Hili
**29.11.87:**
KIRSTEN-MARIE, bint John Cauchi u Mariella neè Xuereb
**25.12.87:**
SAVIO, iben Emanuel Spiteri u Carmen neè Farrugia

**IMWIET**

4.11.87: Ġużeppi Spiteri
8.11.87: Karlu Grech
29.12.87: Mikelina Caruana

**ŻWIĠIJIET**

6.12.87: Paul Tabone (Kercem) u Doreen Attard.
12.12.87: Emanuel Attard (Xewkija) u Pauline Tabone
27.12.87: Vincenzo Leone (Italja) u Mary Rose Agius

## *Ġabra B'risq il-Community Chest Fund*

Il-Management tat-Teatru Astra reġa ta prova oħra ta' kemm għandu għal qalbu l-istituti tal-karità u t-tfal ta' l-orfanatrofji f'Malta u Għawdex meta dan l-aħħar organizza ġabra b'risq il-Community Chest Fund.

Nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru il-Management tat-Teatru Astra ħareġ bl-idea li jagħmel ġabra oħra għall-karità, din id-darba b'risq il-Community Chest Fund, minn fost l-udjenza preżenti għal serata tejatrali (il-kummiedja 'Jum It-Tieġ') li kienet qed issir dak in-nhar. Anke jekk stess il-ġabra kienet waħda spontanja, xorta nġabret is-somma sabiħa ta' Lm105.

Minn qalbna nifirħu lill-Management ta' dan it-Teatru li qed juri bil-fatti li minbarra t-tixrid tal-kultura f'pajjiżna, għandu interess ukoll li jagħti l-għajnuna tiegħu lil dawk inqas ixxurtjati minna.

## Il-Madonna tas-Saħħa f'Għawdex

*Fl-okkażjoni taż-żjara f'Għawdex tal-kwadru mirakoluż tal-Madonna tas-Saħħa, il-parroċċa tagħna organiżżat pellegrinaġġ għall-Knisja ta' San Franġisk tal-Patrijiet Konventwali fejn dan il-kwadru kien espost għall-qima. Il-pellegrinaġġ inżamm nhar is-Sibt 16 ta' Jannar 1988 u tmexxa minn Mons Arċipriet.*

### *Editorjal:*

# Mis-Sinodu ta' l-Isqfijiet dwar il-Lajci

Wara s-Sinodu ta' l-Isqfijiet dwar il-Lajċi, li nżamm f'Ruma matul Ottubru li għadda, ġie mxandar dokument dwar din il-laqgħa mportanti. Punt Numru 10 ta' dan id-dokument huwa dwar 'Il-Parroċċa'.

F'din il-parti tad-Dokument tas-Sinodu jingħad hekk dwar il-parroċċa:

**"Il-parroċċa, fi ħdan id-djoċesi, hi l-post ordinarju fejn l-insara jiltaqgħu biex jikbru fil-fidi, jissieħbu fil-missjoni tal-Knisja u jgħixu fix-xirka ekkleżjali."**

Għalhekk tajjeb li wieħed ifakkar li l-parroċċa għandha post importanti ħafna fil-ħajja tad-djoċesi. Għalhekk aħna minn żmien għal żmien intennu li l-parroċċa tagħna hemm bżonn li tkompli torganizza ruħha b'mod li dawn l-għanijiet imsemmija fid-dokument tas-Sinodu jintlaħqu. Ma hux prattiku u lanqas għandu jkun li l-parruċan iħares biss lejn il-parroċċa meta din tiċċelebra l-festa titulari. U biex dan ma jseħħx qed nipprovaw nagħmlu ħilitna kollha biex bil-għajnuna tal-mezzi moderni nilħqu kull tarf tal-parroċċa.

Id-dokument tas-Sinodu jkompli hekk:

**"Aħna sodisfatti naraw il-parroċċa ssir xirka ta' komunitajiet, meta tkun iċ-ċentru dinamiku ta' gruppi u movimenti u komunitajiet li jimlewha ħajja u li minnha jitmantnew,"**

U dwar dan il-paragrafu wieħed ta' min jistaqsi jekk dan hux dak li qed isir fil-parroċċa tagħna? Jew kulħadd qed jipprova joħloq niċċa għalih u ma jimpurtah xejn minn dak li jkun qed isir fil-parroċċa, jekk ma jippruvax ukoll jieħu postha? J'Alla dan il-paragrafu tas-Sinodu jinqara u jiġi studjat u aċċettat minn dawk il-gruppi u movimenti u komunitajiet li jiffurmaw parti mill-parroċċa tagħna.

Id-Dokument tas-Sinodu jagħlaq il-parti Nru. 10 dwar 'il-Parroċċa' b'dan il-kliem:

**"Inħeġġu lil-lajċi nsara kollha biex jieħdu sehem sħiħ fil-ħajja tal-parroċċa tagħhom, bl-istudju tal-Kelma ta' Alla, biċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Mulej, fil-Kunsill Parrokkjali u fis-suriet kollha ta' ħidma u ta' apostolat li jkun hemm fil-parroċċa".**

Dan l-aħħar appell mid-dokument tas-Sinodu nħossu li għandu jkun l-appell tagħna wkoll f'din l-ewwel ħarġa tar-rivista tagħna għa-sena 1988. Jeħtieġ u huwa bżonjuż u neċessarju li kull membru tal-parroċċa jagħti sehem ħaj fil-ħidma tal-parroċċa. Mhux kulħadd hu mfassal biex jagħti l-istess xogħol. Kulħadd għandu d-doni tiegħu li jista' bihom iservi, imqar għal ftit ħin fil-ġimgħa, fix-xahar, lill-parroċċa tiegħu. Ma nistgħux nħarsu lejn il-parroċċa bħala post mnejn nakkwista ċertifikat u nwarrabha minn ħajti għal kumplament. Jeħtieġ li l-parruċċani kollha, min b'mod u min b'ieħor, iħossu li jiffurmaw parti mill-parroċċa li tagħha huma membri biex mill-parroċċa jħossu li qed jikbru fil-fidi, jħossu li qed jissieħbu fil-missjoni tal-Knisja u jindunaw li qed jgħixu fix-xirka ekkleżjali. Dan hu l-awgurju tagħna għas-sena 1988.

*(Nota: Is-siltiet tad-Dokument tas-Sinodu ġew meħuda minn IL-LEĦEN IS-SEWWA 28/11/87)*

*Ħsieb Marjan*

# IL-FAMILJA MQADDSA

O Familja Qaddisa
li għext
bejn l-erba' ħitan
tad-dar ċkejkna
ta' Nazareth;

O Knisja żgħira
li fiha
saltnet l-imħabba
ġo tlett iqlub
indaf u safja;

Ja Omm Immakulata
mimlija bil-grazzja,
li kont f'moħħ Alla
sa minn qabel fassal
l-għoljiet;

O Ġużeppi,
ir-raġel ġust,
li ħallejt lil Alla
jagħmel minnek
strument
li jistor
misteru hekk kbir;



*Dettal mill-Kwadru tal-Familja Imqaddsa ta' G. Calì li jinsab fil-Bażilika tagħna.*

O Ġesù, Salvatur tagħna,
Ħellies tal-bniedem ilsir,
li nżilt mis-Sema
biex sirt bniedem bħalna,
u l-ġenna tifthilna,
ħalli wlied Alla
nissejħu f'kull ħin;

itfgħu ħarsitkom
fuq il-familji tagħna,
ħarsuhom,
wennsuhom,
qaddsuhom,
saħħuhom
u tħallu 'l ħadd,
lil ebda ħalliel
jidħol ġo fihom
biex jisraq imħabbithom
u jkisser rabtiethom.
Agħmluhom
familji qaddisa
li fihom
isaltnu l-paċi u l-ferħ.

## *Ħidma ta' fejda fost l-Għarajjes*

Minn Ottubru li għadda reġgħet bdiet il-ħidma fost l-għarajjes u dawk li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ. Kull ħmistax tinżamm laqgħa għal dawn il-koppji fiċ-ċentru parrokkjali tagħna. Din il-ħidma pastorali ta' siwi kbir fil-formazzjoni ta' familji tajbin qed jieħdu ħsiebha l-Kan. Dun Joe Mejlak flimkien ma' Dun Ġużepp Farrugia.

Minn Ottubru 1987 'l hawn il-koppji kellhom diversi laqgħat b'suġġetti ta' interess partikolari minn kelliema diversi. Is-Sur Ġorġ Cassar flimkien mas-Sunjura tiegħu kellmuhom dwar id-divertiment, waqt li Mrs Maria Grech u Mrs Luigi Vassallo kellmuhom dwar l-Imħabba fiż-Żwieġ u l-Ippjanar tal-Familja. Laqgħat oħra tmexxew mill-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca li tkellem dwar il-karattru; minn Patri J. Galdes S.J. li tkellem dwar l-hena fiż-żwieġ u minn Dun Manwel Curmi li spjega kif wieħed għandu jitħejja tajjeb għaż-żwieġ.

Il-koppji kollha li qed jattendu regolarment dawn il-laqgħat ta' tħejjija għaż-żwieġ iltaqgħu flimkien għall-quddiesa minn Dun Ġużepp Farrugia li saret għalihom fil-



*Il-grupp ta' l-għarajjes flimkien ma' l-Arċipriet, Dun G. Farrugia u Fr. J. Mejlak.*

Knisja tal-Madonna fix-Xlendi nhar il-Ħadd 10 ta' Jannar 1988, festa tal-Magħmudija tal-Mulej. Wara l-quddiesa, il-koppji, flimkien mal-Kan. Dun Joe Mejlak u Mons. Arċipriet Salv Borg, attendew għal ikla fir-Restaurant 'Il-Kenur'. Ħafna mill-koppji għarajjes rebħu 'spot prizes', ġentilment mogħtija minn diversi ħwienet tal-Belt Victoria.

# EŻERĊIZZI TAR-RANDAN

**Għall-Koppji Miżżewġa:**
*Mis-7 sal-11 ta' Marzu:* **Ħin: fis-7.00 p.m.**
*Predikatur: W.Rev. Patri Pawl Cremona, Provinċjal tad-Dumnikani*

**Għall-Kulħadd:**
*Mill-14 sat-18 ta' Marzu:* **Ħin: fis-1.45 p.m.**
Predikatur: W.Rev. Mons. Ewkaristiku Sultana, Arċipriet tax-Xagħra.

**Għaż-Żgħażagħ:**
*Mill-14 sat-18 ta' Marzu:* **Ħin: Fis-7.00 p.m.**
*Predikatur: W.Rev. Patri Klement Azzopardi, Tereżjan.*

# IL-MILIED FIL-PARROCCA TAGĦNA

## -Jiem ta' ferħ, tagħlim, koperazzjoni u sodisfażżjon-

Il-Milied minn dejjem kien żmien ta' ferħ u hena. Dan nistgħu nixduh aħna li għexna dawn il-ġranet fil-parroċċa ta' San Ġorġ fejn rajna l-uċuħ daħkana tat-tfal iferrħu u jallegraw lil kulħadd; fejn rajna ħierġa xmara ta' tagħlim tant adattat għal żminjietna; fejn rajna tant u tant koperazzjoni biex kulma ġie organizzat jirnexxi u fl-aħħarnett fejn kull min stinka u ħadem kien sodisfatt.

**In-Novena tat-Tfal**

Bħas-sena li għaddiet, meta għall-ewwel darba ġiet organizzata n-novena tat-tfal fil-parroċċa tagħna, rajna mijiet ta' tfal minn kull rokna tal-Belt Victoria joħonqu l-Bażilika tagħna. Matul in-novena ħadu sehem Dun Effie Masini, Dun Mario Grech u Dun Jimmy Xerri li tant adattaw ruħhom u mpenjaw ruħhom biex iwasslu l-messaġġ fil-priedki li għamlu lit-tfal. Dwar in-novena tat-tfal nixtiequ nagħmlu biss kumment wieħed. In-numru ta' tfal qed ikun kbir. Iżda l-għajnuna biex ikollna iktar koperazzjoni fil-kant, fis-sorveljanza u f'xi affarijiet oħra stennejniha tikber. ukoll. Persuna waħda jew tnejn mhux dejjem ikunu kapaċi jlaħħqu ma knisja mimlija bit-tfal.

**In-Novena tal-Kbar**

Din is-sena n-Novena tal-Kbar fil-Bażilika saret mill-Arċipriet Emeritu Dun Ġużepp Borg Attard, il-Kanċellier tal Kurja. Fil-priedki li għamel huwa mexxiena ma Marija f'din is-sena Marjana, lejn it-Twelid ta' Ġesù. Eżattament wara l-quddiesa tkantat kull ġurnata l-Alma u wara nqraw ħsibijiet dwar il-Madonna li komplew saħħew il-messaġġ ta' dan il-jum tan-Novena. Dawn il-ħsibijiet inkitbu għan-Novena mill-Arċipriet Mons. Salv Borg fl-okkażżjoni tas-sena Marjana.

**Presepju Ġdid**

Fil-Milied ta din is-sena biex inkomplu nkabbru l-ferħ u l-hena ta' dawn il-jiem twaqqaf presepju fil-Bażilika li kien magħmul minn personaġġi kbar. Dawn l-istatwi saru mis-Sur Joseph Cutajar. Minn din ir-Rivista nroddu ħajr lil ROMA SHOPS talli offrew b'xejn il-bellus għall-ilbiesi tal-Madonna u ta' San Ġużepp u lil Mons. Anton Grech



*It-tfal waqt il-party.*



*Il-presepju li sar għall-ewwel darba fil-Bazilika.*

Vella, Teżorier tal-Kapitlu li offra lil Bażilika Bambin antik biex jitqiegħed fil-maxtura ta' dan il-Presepju. Dan il-presepju sar fuq l-ideja tas-Sur Ġorġ Borg, membru ħabrieki tal-Kumitat Storiku Kulturali li kien mgħejjun minn Anton Zammit, minn Carmelo Tabone li ħiet il-ħwejjeġ, minn M.A Galea li ħa ħsieb id-dawl u mill-Kan. Dun Ġużepp Borg, li għenu kontinwament.

**Kompetizzjoni Tieqa-Gallerija**

Għall-ewwel darba l-parroċċa tagħna organizzat kompetizzjoni għall-aħjar tieqa jew gallerija mżejna għal dawn il-ġranet. Daħlu numru sabiħ ta' kompetituri u r-rebbieħ, li ġie magħżul minn kummissjoni apposta ta' nies barranin magħżulin mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju t'Għawdex kienet il-Familja Cassar ta' Assumption Street. Ir-rebbieħ ġie ppreżentati Trophy li jżommu għal sena, hamper mgħoti mid-Ditta Magro Foods Ltd, Imbid mogħti mid-Ditta Cittadella u Cake mogħti mis-Sur Wenzu Borg. Il-Bażi tal-kewkba tat-trophy inħadmet u ġiet regalata mis-Sur George Gauci.

**Laqgħat ma' l-Isqof**

Matul il-festi tal-Milied il-komunità parrokkjali tagħna kellha wkoll iċ-ċans li tiltaqa' ma' Mons Isqof Cauchi fi tliet okkażjonijiet. Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni nhar il-Milied wara nofs in-nhar, kif ukoll Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr fl-aħħar jum tas-sena, meta ntona wkoll Te Deum. Nhar l-Erbgħa 30 ta' Diċembru 1987, Mons. Isqof kellu l-okkażżjoni jiltaqa' ma dawk kollha, li matul is-sena jagħtu s-sehem tagħhom fl-oqsma kollha tal-ħidmiet tal-parroċċa tagħna, waqt

*jkompli p. 7*

# *Il-Parroċċa ta' SAN ĠORĠ u l-Oratorju DON BOSCO*

*Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

Din is-sena (1988) is-Salesjani qegħdin ifakkru egħluq il-mitt sena, mill-mewt tal-Fundatur tagħhom San Ġwann Bosco. Il-Parroċċa tagħna ta' San Ġorġ ħasset id-dmir li tfakkar ukoll din il-ħrajja billi l-Fundatur ta' l-Oratorju Don Bosco fir-Rabat ta' Għawdex Dun Pawl Micallef (1897-1956) barra li kien qassis mill-kleru ta' San Ġorġ kellu l-uffiċċju ta' Sagristan Maġġur fil-Bażilika ta' San Ġorġ.



*Dun Pawl Micallef ma' Dun Alwig Mizzi S.D.B. u ma' Fr. F. Mangion S.D.B. flimkien ma' żgħażagħ ta' l-oratorju u familjari tiegħu.*

Dun Pawl Micallef twieled fir-Rabat ta' Għawdex fl-24 ta' Jannar 1897 minn Pietru Micallef u Antonia mwielda Agius. Ġie mgħammed mill-Arċipriet Felic Refalo fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Il-parrinijiet kienu Anton Micallef u Marianna mart Mikiel Cefai. Tawh l-ismijiet ta' Pawl, Mikiel, u Anton.[1]

Dun Pawl kien ġie ordnat qassis fit-22 ta' Diċembru 1923 fil-Katidral ta' Għawdex is-sibt tal-Kwattru Tempri tal-Avvent mill-Isqof Mons. Fra Gann Marija Camilleri O.E.S.A. [2]

Dun Pawl Micallef kien għamel l-ewwel quddiesa sollenni fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ illum Bażilika u Kolleġġjata fl-24 ta' Diċembru 1923 u għamillu l-paninġirku Mons. Arċipriet Alfonsu Marija Hili (1917-1943).[3]

### Twaqqif ta' l-Oratorju DON BOSCO

Dun Pawl kellu ħsieb wieħed qaddis, dak li jiġbor it-tfal mit-triqat tar-Rabat u jkompli jgħallimhom id-duttrina nisranija. Wara li Mons. Pawlu Cauchi waqqaf l-għaqda tal-Paggi ta' Ġesù Sagramentat din l-għaqda kien għaddiet f'idejn Dun Pawl. L-Għaqda tal-Paggi kienet tieħu sehem f'kull purċissjoni li kienet issir fir-Rabat 'Dun Pawl Micallef jimxi fl-aħħar.

F'Novembru tas-sena 1933 l-Arċipriet Alfonsu M.Hili reħa t-tagħlim tad-duttrina f'idejn Dun Ġużepp Spiteri, u Dun Pawl Micallef. Bil-permess ta' Mons. Isqof Mikiel Gonzi (1924-1943) kienet issir ġabra fil-quddiesa tat-8.15 a.m. li ssir kuljum fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Is-somma ta' l-ewwel ġabra kienet laħqet għal 11s.$^1/_2$d. Dun Pawl kien jixtri s-santi u dommni biex iqassamhom b'xejn lit-tfal.

Hawn ta' min ifakkar ukoll li meta kien jinbena l-Oratorju Don Bosco (1946-1949) bil-permess ta' Mons. Isqof Ġużeppi Pace (1944-1972) il-ġbir li kien isir fil-quddiesa tat-8.15 a.m. fil-Bażilika ta' San Ġorġ baqa' imur għall-bżonnijiet ta' Oratorju Don Bosco.[3]

Dun Pawl Micallef kien fetaħ l-ewwel 'Dar' għat-tfal fl-1 ta'April tas-sena 1934. Minħabba li din id-dar ċkienet, Dun Pawl fis-sena 1936 kera oħra f'Triq Pietà (illum triq Mons. Farrugia). Dawn iż-żewġt idjar jiġu tefa ta' ġebla mill-Bażilika ta' San Ġorġ. Fis-sena 1936 kienet saret il-vara ta' San Ġwann Bosco, xogħol l-istatwarju Għawdxi-Rabti Wistin Camilleri (1885-1979). Kien ħallas għal din il-vara Dun Pawlu Micallef. Ta kull sena għall-festa ta' San Ġwann Bosco li taħbat fil-31 ta' Jannar, Dun Pawl kien jieħu din il-vara fil-Bażilika ta' San Ġorġ, titpoġġa fuq il-presbiterju fl-anglu tal-pilastru maġġur in-naħa tal-vanġelu fejn kienet issir quddiesa Kantata u titkanta l-quddiesa 'Missa de Angelis'. Min qiegħed jikteb kien wieħed minn dawk it-tfal li kienu jieħdu sehem f'din il-quddiesa. It-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina kienu jersqu jitqarbnu.[4]



*Dun Pawl ma' Fr. Mangion S.D.B. Tidher ukoll Miss Martina Micallef li lilha nroddu ħajr għar-ritratti ma' dan l-artiklu.*



*Dun Pawl ma' Dun Karm Attard S.D.B. missjunarju fl-Indja.*



*Dun Pawl Micallef ma' wieħed min-neputijiet.*

*jkompli p. 7*

# DON BOSCO: il-Qaddis tat-Tbissima



***Mitt Sena minn mewtu 1888–1988***

Matul din is-Sena, mad-dinja kollha qed jiġi ċċelebrat l-Ewwel Ċentinarju mill-mewt tal-kbir qaddis San Ġwann Bosco, l-Imgħallem tat-tfal u taż-żgħażagħ. Peress li l-parroċċa tagħna ta' San Ġorġ, kienet dik il-parroċċa li fiha kienet issir il-festa ad unur tiegħu, qabel ma nbena l-Oratorju Don Bosco, ħassejna li aħna ukoll għandna nagħtu l-kontribut tagħna, billi f'kull ħarġa tar-Rivista tagħna matul din is-sena nġibu xi ħaġa dwaru.

*Meta l-qniepen daqqew weħidhom*

Għal bidu, meta Don Bosco beda jlaqqa' lit-tfal ta' Turin, ma kellux post fejn jiġborhom. Biex tagħqad, ħadd ma riedhom qribu, peress li kienu tfal imqarbin għall-aħħar. Allura, Don Bosco ddeċieda li ta' kull nhar ta' Ħadd, jinġabru l-pjazza u mbagħad jerħulha lejn il-kampanja.

Darba, kien Ħadd il-Palm, 5 ta' April 1846, Don Bosco u ruxxmata tfal telquha bil-mixi lejn kappella żgħira barra l-Belt, jisimha **Madonna di Campagna.** Din kienet kappella ta' Kunvent fejn kienu jgħixu ftit patrijiet.

Fit-triq, Don Bosco u t-tfal qalu r-rużarju għal-lest, u kantaw il-litanija u xi innijiet tal-Madonna, dejjem bil-ħsieb li jitlob lill-Madonna tgħinu biex isib post stabbli għat-tfal tiegħu.

X'ħin it-tfal waslu fuq it-trejqa li tagħti għall-kappella, bdew jisimgħu l-qniepen idoqqu bħallikieku kienet nhar ta' festa. Don Bosco feraħ: "Tgħid xejn!", qal, "almenu dawn il-patrijiet qegħdin jilqgħuna bid-daqq tal-qniepen".

X'ħin waslu, Don Bosco mar ikellem lill-Pirjol biex jirringrazzjah. "Grazzi ħafna", qallu. "Inti wisq ġentili biex tilqagħna sa bid-daqq tal-qniepen!"

"Imma aħna ma daqqejniex qniepen," żgurah il-pirjol. "Anzi l-kampnar huwa msakkar bil-muftieħ!"

Allura l-qniepen daqqew weħidhom"? staqsa Don Bosco.

"Ma nafx", wieġeb il-pirjol. "Imma fostna ħadd żgur ma tela' fuq il-kampnar, għax il-muftiħ qiegħed imdendel hawn, fil-kamra tiegħi".

Don Bosco ħa dan il-fatt stramb bħala sinjal mis-sema li l-Madonna din id-darba kienet ser tisma' talbu.

Filfatt, hekk kif kien qed jitlob waħdu fil-kappella ftit wara, Pankrazju, raġel itemtem li kien jagħmilha ta' sensal messlu spaltu, u qallu li ċertu Franġisk Pinardi kellu daqsxejn ta' għalqa fit-trufijiet ta' Torin, fl-inħawi msejħa Valdocco, u fiha kellu maħżen għas-silla li kien lest li jbigħulu. Don Bosco qabeż bil-ferħ. Il-Madonna dak in-nhar kienet semgħet talbu.



*Ben Gazzara fil-parti ta' Don Bosco fil-film li qed jinħadem mir-RAI għaċ-ċentinarju.*

# ŻMIEN IR-RANDAN

**Il-Liturġija tar-Randan**

Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, ir-Randan kien żmien, li fih il-katekumeni, jiġifieri dawk li jkunu se jitgħammdu, kienu jħejju ruħhom bit-tagħlim, bit-talb u bil-penitenza biex ikunu jistgħu jirċievu l-magħmudija fil-lejl tal-Għid il-Kbir. F'dan iż-żmien tar-Randan, jeħtieġ li ngħixu u nċċelebraw l-Ewkaristija b'dawn id-dispożżizzjonijiet:

- Nissieħbu ma' Ġesù fil-mixja tiegħu fid-deżert, biex kif huwa rebaħ il-qawwiet tal-ħażen bit-talb u l-penitenza, hekk aħna wkoll nirbħu t-tentazzjonijiet tal-ħażen li magħhom niltaqgħu f'ħajjitna. Huwa ż-żmien li nindmu u nikkonvertu dejjem aktar mill-ħażen tagħna.
- Nitilqu l-ħażen biex induru lejn Alla f'ubbidjenza ta' wlied u lejn ħutna f'imħabba li taf tgħin u taqdi. Huwa ż-żmien li fih noffru lilna nnifisna ma' Kristu f'sagrifiċċju ta' mħabba lejn Alla u lejn xulxin.
- Ngħixu d-dmirijiet tal-ħajja ġdida li rċevejna fil-magħmudija. Bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, ngħixu l-ħajja ta' Kristu Rxoxt, għall-glorja tal-Missier.

**Kif jitqassam ir-Randan.**

1. Żmien ir-Randan jibda mill-*Erbgħa ta' l-Irmied* u jintemm qabel il*Quddiesa ta' l-Ikla tal-Mulej* li ssir filgħaxija ta' Ħamis ix-Xirka. Il-ġimgħa ta' qabel il-Għid tissejjaħ *il-Ġimgħa Mqaddsa:* tibda nhar *Ħadd il-Palm.*
2. Il-Ħdud f'dan iż-żmien insibuhom bħala Ħdud tar-Randan. Is-sitt Ħadd insejħulu *Ħadd il-Palm fil-Passjoni tal-Mulej.* Dawn il-Ħdud jirbħu fuq il-festi u fuq is-solennitajiet l-oħra kollha.

Il-lewn liturġiku tar-Randan hu vjola bħala sinjal ta' penitenza. Għat-tielet Ħadd *(laetare)* jista' jintuża l-lewn roża. F'*Ħadd il-Palm* il-lewn ikun aħmar.

Nhar l-*Erbgħa ta' l-Irmied* u l-*Ġimgħa l-Kbira* huma jiem ta' sawm u astinenza mil-laħam.

# ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Naħseb li bħali taqraw u tisimgħu dwar il-paċi u fuq kemm hawn bżonnha fid-dinja. Imma mill-aħbarijiet li jaslulna, naraw li minflok paċi, għandna ġlied u gwerer. Barra minn hekk, mhumiex ftit dawk li jgħidu li jekk tiġi gwerra nukleari, allaħaresqatt, il-bnedmin kollha jmutu.

Tgħid għaliex għad m'għandniex paċi dejjiema? Għaliex mhux kull pajjiż ikollu l-paċi u jkun ħieles mill-vjolenza? Għaliex mhux il-bnedmin kollha għandhom il-paċi bejniethom? Tgħid ma jafux x'inhi paċi?

Il-paċi hija bħal tifla żgħira żgħira li trid l-għajnuna ta' kulħadd. Kulħadd irid jgħinha tikber, min b'ħaġa u min b'oħra. Wieħed malajr jista' jagħmlilha l-ħsara, iġegħilha tbati... u jekk tbati hi, inbatu aħna wkoll.

Fejn tkun il-paċi?

Il-paċi tkun fl-iskola, fil-klassi, fil-familja, ecc., meta kulħadd jagħmel dmiru sewwa u jiżra'l-imħabba.

Il-paċi tkun f'dawk in-nies li jħabblu rashom u jaħdmu bla waqfien, forsi b'sogru ta' ħajjithom, biex iwaqqfu l-vjolenza kif ukoll jgħinu lid-drogati, li jistudjaw mezzi ġodda biex jgħinu lill-marid ifiq mill-mard ikrah u li jaħdmu biex itaffu l-uġiegħ ta' ħaddieħor.

Il-paċi jxerrduha dawk li jagħtu ħinhom u jgħinu lil dawk li jħossuhom imdejqin u mwarrbin.

Il-paċi tistgħu xxerrduha intom it-tfal meta l-kbar ma jsibux ħin biex jisimgħu d-diffikultajiet tagħkom u intom xorta waħda tibqgħu tkantaw u xxerrdu l-ferħ ma kullimkien.

Il-paċi tinsab fil-qalb ta' dawk kollha li jagħmlu minn kollox biex jaħarbu dak kollu li jwaqqagħhom fid-dnub, biex jibqgħu dejjem ħbieb ma' Alla, għax fejn hemm Alla, hemm il-paċi.

Tata', tfal, u nawguralkom li tkunu kapaċi tagħmlu xi ħaġa tajba ħalli tgħinu l-paċi tikber u tixtered.

*Iz-Ziju Peppi*

*jaqbad min p. 5*

L-opra li waqqaf Dun Pawl Micallef, iġifieri l-Oratorju Don Bosco, maż-żmien tat ukoll il-frott, għaliex kien hemm żgħażagħ li ħaddnu l-istat saċerdotali. Il-lum ukoll mill-Parroċċa ta' San Ġorġ hemm xi żgħażagħ li daħlu mal-Familja Salesjana, ħalli għada pitgħada jkunu saċerdoti u jaħdmu skond l-ispirtu ta' Don Bosco għall-edukazzjoni nisranija u ċivika qalb iż-żgħażagħ.

Kien ukoll ġest sabiħ u qaddis meta wara li l-Kardinal Salesjan Rosario Jose' Lara ordna saċerdot lid-Djaknu salesjan Fabio Attard mill-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-Bażilika tagħna nhar is-sibt 4 ta' Lulju 1987 wara l-funzjoni, Fr. Charles Cini S.D.B. offra lil Bazilka ta' San Ġorġ tliet relikwiji li huma: ta' San Ġwann Bosco kif ukoll ta' San Domenico Savio, u ta' Santa Marija Mazzarello, żewġ qaddisin oħra salesjani.[5]

*Referenzi*


1 *Arkivju Bażilika San Ġorġ. Lib. Bapt. Par.li. Eccl. Sanoti Georgii M. Vol.13. p. 168.*

2 *Arkivju Kurja ta' l-Isqof Rabat Għawdex. Libro Sacre Ordinazzioni.*

3 *Kan. Dun Nikol Vella Apap. "Kitbiet Storiċi fuq Għawdex". Ms. Vol III.*

4 *L-Istess.*

5 *Kan. Dun Nikol Vella Apap. "Kronaka". Ms. Vol. 18.p.63.*


*jaqbad min p. 4*

riċeviment li sar fis-sala taċ-ċentru parrokkjali. F'din l-okkazzjoni Mons. Arċipriet irringrazzja lil kulħadd għas-sehem tiegħu fi ħdan il-parroċċa. Kienu mistiedna għal dan ir-riċeviment il-Kapitlu u l-Kleru, Seminaristi, Kunsill Parrokkjali, membri tad-diversi Kumitati, distributuri tal-Bulettin, delegazzjoni mill-Banda "La Stella" u oħrajn.

**Attivitajiet oħra**

Ma rridux inħallu barra l-priedka simpatika li t-tfajjel IAN PORTELLI għamel eżatt qabel bdiet il-Konċelebrazzjoni Solenni fil-lejl tal-Milied. It-tfal tal-parroċċa li attendew għan-novena kellhom biljett b'xejn għal film fit-Teatru Astra u ta' dan nirringrazzjaw lill-Management. Barra dan it-tfal kollha ttieħdu jaraw diversi presepji u ġie organizzat għalihom party kbir li fih dawk kollha li attendew ingħataw premju. Minn dawk il-kolonni nirringrazzjaw lil dawk id-ditti li offrew rigali u ħelu dan il-party fosthom lid-Ditta 'Ta' l-Orjenti' li permezz tas-Sur Ġorġ Farrugia offriet bosta rigali u lis-Sur Ġorġ Vella li permezz tiegħu stajna nakkwistaw rigali u ħelu mingħand ditti Maltin. Qabel ngħalqu nroddu ħajr lil Dun Effie Masini, lil Dun Louis Bezzina u lil Kan. Dun Ġużepp Borg għall-għajnuna tagħhom biex setgħu jirnexxu l-attivitajiet organizzati għat-tfal.

J'Alla dawk kollha li għenu f'dawn l-attivitajiet tal-Milied organizzati fil-parroċċa tagħna jiġu imitati minn oħrajn biex ikollna dejjem iżjed ħidma fejjieda b'risq il-parruċċani tagħna.



*Is-Sur Frankie Cassar rebbieħ ta' l-isbaħ tieqa jirċievi t-trophy mingħand Mons. Arċipriet.*

## DONAZZJONIJIET GHAR-RIVISTA

Maria Grech - Lm 2
Dun Anton Cefai - Lm 2
Dun Koronat Grima - Lm 2
Familja Scicluna - Lm 3
Mr. George Borg (Canada) - 5 Can $
Mr Alfred Gatt (Australia - 50 Aust $

# L-OPRA FIT-TEATRU ASTRA

Żewġ rappreżentazzjonijiet operistiċi li mijiet kbar ta' Maltin u Għawdxin qegħdin jistennew b'ħerqa liema bħala huma żewġ opri liriċi li it-Teatru Astra se jippreżenta minn hawn u ftit ġimgħat oħra: L'Elisir D'Amour u Lucia di Lammermoor. L-opri, it-tnejn kapulavur tal-kompożitur Taljan Gaetano Donizetti, se jinżammu l-Ġimgħa u s-Sibt, 26 u 27 ta' Frar rispettivament.

L-interess f'dawn iż-żewġ produzzjonijiet kiber mhux ftit wara li t-Teatru Astra ħabbar l-ismijiet tal-artisti ewlenin li se jinġiebu minn l-Italja biex jinterpretaw il-partijiet prinċipali. Bil-kollaborazzjoni tal-Impresa Fasano ta' Ruma, li magħha saru l-arranġamenti kollha għall-preżentazzjoni taż-żewġ opri, il-Management tat-Teatru Astra irnexxielu jattira ismijiet kbar fil-qasam operistiku, kantanti stabbili li jgawdu reputazzjoni għolja fost id-dilettanti tal-opra fl-Italja.



Is-Sopran Miriam Gauci

Dawn jinkludu lis-Sopran Tiziana Ducati, it-Tenur Andrea Elena, il-Baxx Bernardino Di Bagno u l-Baritonu Lereto Giorgio. Dawn il-kantanti għandhom karriera kbira warajhom, b'esperjenza mill-isbaħ f'uħud mill-aqwa tejatri tad-dinja. Magħhom nistgħu nżidu lis-Sopran rinomata Miriam Gauci, ikkunsidrata fil-mument bħala l-istilla Maltija tal-opra barra minn Malta. Minkejja l-età żgħażugħa tagħha, Miriam diġa' għamlet isem kbir fil-qasam operistiku internazzjonali, fejn kellha l-ħila tidher fl-aqwa tejatri tal-opra u tipparteċipa flimkien ma' wħud mill-akbar artisti. Kull darba li dehret ma kisbitx ħlief unuri u ġieħ għall-wirjiet stupendi tagħha.

Bla dubju, is-sehem ta' dawn l-artisti ċelebri, flimkien ma' kantanti oħra lokali bħal Joe Huber, Mary Galea, Brian Cefai, Lino Attard, Marie Therese Vassallo u Jimmy Mifsud se jagħmel minn dawn iż-żewġ opri, żewġ produzzjonijiet kbar li jkomplu jagħmlu ġieħ lit-Teatru Astra *u li Gżiritna.*

Jidderieġi ż-żewġ opri Mro. Joseph Vella, surmast ta' ħila liema bħala li m'għandu bżonn ebda introduzzjoni fostna. L-għażla tas-Surmast Vella fit-treġija taż-żewġ opri ġiet saħansitra mfaħħra mill-istess Impresa Fasano li tara fih direttur eċċezzjonali f'dik li hija direzzjoni mużikali. Mro. Vella se jidderieġi orkestra ta' madwar 55 mużiċist.

Is-set kollu taż-żewġ opri nġieb minn Ruma. Fil-fatt bħalissa fuq il-palk tat-Teatru Astra għaddejja ħidma intensiva minn 'crew' kbir ta' nies biex jinbena x-xenarju għal L'Elisir u Lucia. Xejn anqas attivi huma għadd ta' ħajjata nisa li ġentilment offrew is-servizzi tagħhom biex



It-Tenur Andrea Elena

iħejju l-kostumi, li ħafna minnhom wkoll inġiebu minn l-Italja.

Tħejjijiet oħra li issa ilhom li nbdew huma l-kunċerti tal-korijiet għall-irġiel u n-nisa separatament, biex 'il quddiem jingħaqdu flimkien. Il-kor se jkun iffurmat minn l-aħjar element ta' kantanti lokali.

Il-Management tat-Teatru Astra qed jagħmel minn kollox biex din id-darba wkoll jikseb suċċess biż-żewġ opri li se jtella'. Kelliemi għall-Management assigura li kemm L'Elisir D'Amour kif ukoll Lucia Di Lammermoor mistennija jkunu żewġ produzzjonijiet li se jfakkru: egħluq l-20 sena mill-ftuħ tat-Teatru Astra.


Fl-Għażla ta' Vanganza għas-Sajf li ġej....
*Toqgħodx taħsibha Darbtejn....*

Joffrulek wieħed minn dawn it-Tours meraviljużi

**1. 28 ta' Lulju - 9 ta' Awissu (13-il Jum)**
FRANZA (Lourdes), SPANJA (Barcellona), l-ITALJA

**2. 31 ta' Lulju - 9 ta' Awissu (10 Ijiem)**
GERMANJA - AWSTRIJA - UNGERIJA

## ASTRA TOURS

**3. 4 ta' Awissu - 13 ta' Awissu (10 Ijiem)**
L-ITALJA (Venezja, Verona, Ruma) - AWSTRIJA (Innsbruck)

**4. 16 ta' Awissu - 30 ta' Awissu (15 il-Jum)**
GERMANJA - NORVEĠJA - ŻVEZJA - DANIMARKA

***Għal iktar dettalji ċemplu: John Portelli Ent.***
***Tel:556236, 556035, 627016***
***Paul M. Cassar Tel: 551004.***